MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 30/2004/1

**Alfred Saliba**

**Vs**

**George Gatt u martu Doris Gatt**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-5 ta' Ottubru 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, ippronunzat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Qorti,*

*Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenuti jħallsuh is-somma ta' elf sitt mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm1,620) prezz ta' appalt konsistenti f'xogħol u materjal fornit a karigu tagħhom fl-appartament Santa Maria, Triq*

*Dun Pawl Micallef, Victoria, Għawdex bl-imgħax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-eventwali ħlas effettiv, u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra nterpellatorja tad-19 ta' Lulju 2003 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 129/03 ppreżentat fil-11 ta' Gunju 2003;*

*Il-konvenuti qegħdin jiġu nġunti minn issa stess għas-subizzjoni;*

*Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fejn eċċepew illi:*

*1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi fil-mertu mingħajr preġudizzju għas-suespost l-allegat xogħol res minn l-attur ma huwiex wieħed skond l-arti u s-sengħa u fih ħafna difetti;*

*3 Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;*

*Rat id-digriet tagħha ta-13 ta' Jannar 2010 fejn ippermettiet lill-konvenuti sabiex jippreżentaw nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti tal-25 ta' Jannar 2010 li permezz tagħha speċifikaw li kienu qed jeċċepixxu l-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll a tenur ta' l-artikolu 2149 (a) ta' l-istess liġi.*

*Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Gunju 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq dawn l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni.*

*Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar dawn l-eċċezzjonijiet.*

*Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob mingħand il-konvenuti l-ħlas tas-somma ndikata fl-Avviż bħala prezz ta' appalt konsistenti f'xogħol esegwit u materjal fornit fl-appartament tagħhom fl-indirizz indikat fl-istess Avviż.*

*Għal din it-talba l-konvenuti eċċepew fost ħwejjeġ oħra l-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) u 2149 (a) tal-Kap. 16, imma mhumiex jaqblu liema minn dawn il-preskrizzjonjiet hija applikabbli għall-każ in eżami.*

*L-attur jikkontendi fl-ewwel lok illi l-konvenuti kienu rrinunzjaw għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni meta l-Qorti nnominat espert tekniku sabiex jeżamina x-xogħol li kien sar, ħaġa li normalment issir meta jkun qed jiġi kontestat il-mertu. In sostenn ta' dan jiċċita minn sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ fejn intqal illi: "… skond l-artikolu 2214 tal-Kodiċi Ċivili, rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita u r-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat. Fil-proposta ta' nomina ta' arkitett sabiex jagħmel il-kejl meħtieġ, il-Qorti tara li l-konvenut kien għadu pront li jħallas jekk jirriżulta li xi ammonti kienu għadhom dovuti,…".* [1] *Imma mill-verbal ta' l-udjenza fejn saret in-nomina ta' espert tekniku f'din il-kawża, ma jirriżultax li din saret fuq talba jew proposta tal-konvenuti, anzi jidher li saret fuq suġġeriment tal-Qorti stess.*[2] *Terġa' tant il-konvenuti riedu joqgħodu attenti li ma jiġux interpretati li kienu qed jirrinunzjaw għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li proprju fis-seduta sussegwenti u qabel ma l-espert tekniku beda jesegwixxi l-inkarigu tiegħu, talbu lill-Qorti tissospendi dan l-inkarigu ħalli qabel xejn tiġi nvestigata din l-eċċezzjoni, u l-Qorti aċċettat it-talba.*[3] *Hija għalhekk il-fehma tagħha, li ġialadarba l-ħatra tal-Perit Tekniku ma saritx fuq xi suġġeriment jew talba tal-konvenuti u dawn lanqas ma laħqu ssottomettew ruħhom għal xi ġbir tal-provi jew trattazzjoni tal-mertu quddiem il-Perit Tekniku, qabel ma*

*talbu s-sospensjoni tal-ħatra tiegħu, ma ġewx li rrinunzjaw għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tagħhom.*

*Niġu issa għalhekk għat-trattazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet. Taħt l-artikolu 2148 (a) jaqgħu bi preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar: "**l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentiera, arluġġara, u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta' l-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu**."*

*Imbagħad taħt l-artikolu 2149 (a) jaqgħu bi preskrizzjoni ta' sentejn: "**l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' l-injam, ġebel, jew materjal ieħor għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu**."*

*Fil-każ in eżami l-attur qed jitlob il-ħlas għall-fornitura, xogħol fuq u tqegħid ta' taraġ tal-granit fl-appartament tal-konvenuti. Il-Qorti taqbel għalhekk illi f'dan il-każ hija applikabbli l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2149 (a) għax hawnhekk m'għandniex talba għall-ħlas ta' xi oġġett partikolari maħdum minn persuna tas-sengħa jew l-arti, kif jikkontempla l-artikolu 2148 (a), imma xogħol ta' appalt kif deskritt f'dak l-artikolu. Kif ġie mfisser mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward:" Dak l-artikolu (b'referenza għal-artikolu 2148 (a)) jirreferixxi għalhekk għall-kredituri ta' artefiċi li jipprestaw **l-opra** li għaliha l-materjali jkunu servew (vol. XLI. i. 347). F'dan il-każ aktar minn opra hemm il-prestazzjoni ta' **l-'opus'** mingħajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogħlijiet u mingħajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet" (vol. XLII. iii. 1151; Joseph Grech vs Emanuela Camilleri et. Appell Kummerċjali, 21 ta' Marzu 1977; Gio Maria Camilleri vs John Licari et., Appell Kummerċjali, 16 ta' Ottubru 1972; Francis Bugeja nomine vs Indri Mericeca, Appell, 29 ta' Mejju 2000). Dawn is-sentenzi kollha għamlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-liġi hawn eżaminat (art. 2148a) u provvediment ieħor tal-liġi in materja ta' preskrizzjoni li miegħu għandu ċerta affinita' (art. 2149a)." [4]*

*Irriżulta li x-xogħol li għalih qed jintalab il-ħlas sar għall-ħabta tax-xahar ta' Frar 2002,*[5] *u l-kawża ġiet ippreżentata fil-25 ta' Ottubru 2004, u għalhekk xhur wara li kien laħaq skada t-terminu konċess bl-artiklu 2149 fuq imsemmi. Wieħed irid jara għalhekk jekk kienx hemm interuzzjoni ta' dan il-perijodu permezz ta' xi att ġudizzjarju. Ġiet ippreżentata ittra uffiċjali minn Alfred Saliba fid-9 ta' Awwissu 2002,*[6] *imma xorta waħda laħqu għaddew iżjed minn sentejn sakemm ġiet intavolata din il-kawża. Imbagħad kien inħareġ Mandat ta' Qbid kawtelatorju fuq talba ta' l-attur fil-11 ta' Gunju 2003.*[7] *Madankollu dan il-Mandat tħalla jiskadi, billi ma ġiex segwit bil-kawża relattiva għall-kreditu pretiż fiż-żmien permess mil-liġi.*[8] *L-attur jissottometti illi dan il-mandat xorta waħda kellu l-effett li jinterrompi l-preskrizzjoni għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, imma l-konvenuti ma jaqblux.*

*L-artikolu 846 (2) tal-Kap. 12. jistipula li jekk ma ssirx il-kawża għall-pretensjoni msemmija fil-mandat fiż-żmien imsemmi, "**l-effetti tal-mandat jispiċċaw**". Il-konvenuti allura jargumentaw li dan ifisser li anke l-effett tiegħu bħala att ġudizzjarju għall-fini ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ikunu spiċċaw. Issemma' wkoll l-artikolu 2132 (1) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li: "**Il-ksur tal-preskrizzjoni magħmul b'talba ġudizzjarja, jitqies bħalli kieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja għat-talba, jew jekk il-kawża tibqa' deżerta, jew jekk it-talba tiġi miċħuda**. " Din il-Qorti, taqbel mal-konvenuti u hija tal-fehma illi ġialadarba kawża deżerta jkollha l-effett li tħassar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, multo magis għandu jkun hemm l-istess effett f'każ ta' mandat kawtelatorju, (li huwa biss att preparatorju għall-kawża), u li ma jiġix segwit b'kawża fiż-żmien konċess. Dan minkejja li l-liġi ma tispeċifikahx f'daqstant kliem, ghalkemm jidher li din għandha tkun ukoll it-tifsira tal-kliem "**l-effetti tal-mandat jispiċċaw**" fl-artikolu 846 (2) fuq imsemmi. Għaldaqstant tiddeċidi dwar dawn l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti, billi filwaqt li tiċħad dik taħt l-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16, tilqa' dik taħt l-artikolu 2149 (a) ta' l-istess Kodiċi, tiddikjara din l-azzjoni preskritta taħt dan l-artikolu, u konsegwentement tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Alfred Saliba datat 25 ta' Ottubru 2011 fejn filwaqt li ghamel referenza ghall-provi gia prodotti u ghall-provi ohra skont il-ligi li jirrizerva d-dritt li jipproduci, talab lill-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti u tirrimetti l-kawza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tkompli tisma' l-kawza fil-mertu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta tal-intimati George Gatt u martu Doris Gatt datat 6 ta' Dicembru 2011 fejn talbu lill-Qorti biex tichad l-appell tal-attur, u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-18 ta' Jannar 2012, u l-verbal tal-istess seduta fejn d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) giet injorata d-data meta bdiet tiddekorri l-perjodu ta' preskrizzjoni u la darba din ma gietx stabbilita mela allura l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kellha tigi michuda (**"Quintano vs Calleja et** – A.C. – 5 ta' April 1993); (b) kienet saret rinunzja ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex saret in-nomina ta' perit tekniku fis-17 ta' Marzu 2006 u l-konvenuti ma nsistewx fuq tali preskrizzjoni u allura japplika id-dictum *"qui tace, consentisce";* hawn l-appellati kellhom jopponu ghall-hatra tal-istess espert; (c) gew applikati r-regoli ta' preskrizzjoni b'mod estensiv ghaliex il-fatt li l-mandat ma giex segwit b'kawza u allura l-effetti tal-mandat jispiccaw kif stabilit fl-**artikolu 846 (2) tal-Kap. 12,** ma jfissirx li b'daqshekk in-notifika tal-mandat ghandha titqies f'dak kontemplat fl-**artikolu 2132 (1) tal-Kap. 16**, fis-sens li l-ksur tal-preskrizzjoni b'talba gudizzjarja jitqies li ma sarx,

u dan ghaliex dan ma jinghadx fl-imsemmi artikolu u l-interpretazzjoni per anologija ma tapplikax f'dan il-kaz, anke ghaliex ir-regoli ghall-applikabilita' ta' preskrizzjoni huma ta' stretta interpretazzjoni **("Noel Ellul nomine vs Francis Vella nomine"** A.C. – 8 ta' Mejju 2001; **"Ronald Naudi vs Unispeed Shipping and Fowarding Limited"** (P.A. (JRM) – 26 ta' Gunju 2003); barra minn dan l-istess artikolu ma jirreferiex ghall-kaz imsemmi fl-**artikolu 846 (2)** u allura dan qatt ma setgha jigi ekwipparat ghal kazijiet specifikatament indikati fl-**artikolu 2132 (1)** li lanqas ikkonsidrati wahedhom ma ghandhom l-istess effett; (4) l-eccezzjoni sollevata u accettata mill-Qorti tqajjment hafna wara n-nomina tal-perit tekniku fis-17 ta' Marzu 2006, tant li din tqajjmet fil-25 ta' Jannar 2010 u ghalhekk l-istess appellati qatt ma setghu jirriservaw il-pozizzjoni taghhom.

Illi dwar l-ewwel aggravju dan huwa kompletament bla bazi ghaliex id-decizjoni tal-Ewwel Qorti stabbilit id-data meta tlesta x-xoghol kienet ghal habta tax-xahar ta' Frar 2002 u allura kien hemm terminu preciz meta l-attur setgha jaghmel l-azzjoni, kawza li fil-fatt saret minnu fil-25 ta' Ottubru 2004 u allura dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti thoss li l-fatt li gie nominat perit tekniku, ma jistax jigi kkunsidrat bhala rinunzja ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni gja moghtija, ahseb u ara meta l-istess eccezzjoni ta' preskrizzjoni li fuqha ddecidiet l-Ewwel Qorti, kienet ghadha lanqas inghatat, u dan anke in vista tal-principju li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' tinghata f'kull stadju anke f'dak ta' appell. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi l-istess jinghad ghar-raba' aggravju u dan ghaliex ma hemm xejn x'jimpedixxi lill-konvenut li jressaq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni f'dak l-istadju tal-kawza meta tressqet, iktar u iktar in vista' ta' dak li inghad dwar l-aggravju precedenti.

Illi jibqa' t-tielet aggravju u dan huwa fis-sens li l-prezentata tal-Mandat ta' Qbid datat 11 ta' Gunju 2003 u li kopja tieghu inghatat lill-intimat skont riferta datata 16 ta'

Gunju 2003 interrompa l-preskrizzjoni, minkejja li azzjoni dwar l-istess ma gietx prezentata fit-terminu indikat fl-**artikolu 846 (2) tal-Kap. 12,** u dan ghaliex tali kaz ma jaqax taht id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 2132 (1) tal-Kap. 16,** li jindika l-kaz minkejja talba b'att gudizzjarju, l-interuzzjoni ta' preskrizzjoni ma sehhx ghaliex tali att jitqies bhalikieku ma sarx, biss fil-kazijiet hemm kontemplati ta' rinunzja tat-talba, meta kawza tigi ddikjarata dezerta, u jekk it-talba tigi michuda.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz il-hrug u n-notifika tal-mandat ta' qbid imsemmi interrompiet il-preskrizzjoni, u allura l-mandat ta' qbid u n-notifika tieghu iservu ghall-interuzzjoni ta' preskrizzjoni, anke jekk l-effett tal-mandati spiccaw, ghaliex tali sitwazzjoni ma hijiex kontemplata fl-**artikolu 2132 (1) tal-Kap. 16,** u l-kazi indikati fl-istess artikolu ma jistawx jigu estizi per anologija, izjed u izjed f'kazijiet ta' preskrizzjoni, fejn il-principji kollha marbuta mal-istess istitut huma ta' interpretazzjoni stretta u allura f'dan il-kaz allura huwa favur id-decizjoni li tigi sostnuta interuzzjoni jew sospensjoni tat-terminu preskrittiv ta' l-azzjoni odjerna (**"Noel Ellul nomine vs Francis Vella nomine"** A.C. – 8 ta' Mejju 2001).

Illi dan ifisser li l-prezentata u n-notifika tal-Mandat ta' Qbid fil-11 ta' Gunju 2003 jammonta ghall-interuzzjoni ta' preskrizzjoni, u li minkejja li l-azzjoni ma giex prezentata fit-terminu ndikat fil-ligi, u allura l-effetti tal-mandat spiccaw skond dak provdut fl- **artikolu 846 (2) tal-Kap. 12,** dan ma jfissirx li l-interuzzjoni ta' preskrizzjoni ma tiswiex u titqies qatt ma saret bhal fil-kaz ta' l-istanzi kontemplati fl- **artikolu 2132 (1) tal-Kap. 16** u dan proprju ghaliex dan l-artikolu ma jikkontemplax u wisq inqas isemmi din is-sitwazzjoni u ghalhekk dan il-kaz ma kellux jigi kkonsidrat taht l-imsemmi artikolu, u dan ghaliex altrimenti jkun ifisser li s-sinifikat u l-effett tal-istess artikolu kien qed jigi estiz ghall-kazijiet mhux imsemmija mill-Ligi u specifikatament mill-istess disposizzjoni. Kieku l-Ligi riedet li dan il-kaz ukoll jigi nkluz u jkollu effett bl-istanzi hemm kontemplati, kieku kienet tghidu u ma hemm l-ebda diffikulta li dan isir – *"ubi lex voluit dixit"*; izda la

darba dan mhux il-kaz, mela allura l-gudikant ma ghandhux u ma jistax jestendi l-effett tal-istess.

Illi dan ifisser li f'Gunju 2003 kien hemm interuzzjoni ta' preskrizjoni u la darba l-azzjoni attrici gie prezentata fil-15 ta' Frar 2005 mela allura kien hemm interuzzjoni ta' preskrizzjoni f'Gunju 2003 bil-prezentata u notifika tal-istess Mandat ta' Qbid u allura l-kawza giet prezentata entro t-terminu ta' sentejn stipulat fl-**artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16** u allura l-appell odjern fuq dan l-aggravju qed jigi milqugh u d-decizjoni tal-Ewwel Qorti qed tigi revokata ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u l-preskrizzjoni tal-kovenuti sollevata b'nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-25 ta' Jannar 2010 abbazi tal-**artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16** qed tigi michuda, u ghalhekk l-kawza qed tigi rimandata u rinvjata lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Guridizzjoni Inferjuri) sabiex isir is-smigh u trattazzjoni tal-kawza fil-mertu u tinghata decizjoni dwar l-istess.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li din il-Qorti tichad r-risposta tal-appell tal-appellati George Gatt et datata 6 ta' Dicembru 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell kif kontenut fir-rikors tal-appell tal-appellant Alfred Saliba datat 25 ta' Ottubru 2011 fis-sens li qed tigi hawn revokata d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Guridizzjoni Inferjuri) fl-ismijiet "Alfred Saliba vs George Gatt et " tal-5 ta' Ottubru 2011 (Avviz Numru 30/2004/PC) fis-sens li qed tigi michuda wkoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni abbazi tal-artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 sollevati mill-konvenuti appellati, u ghalhekk din il-Qorti qed tirrinvija u tirrimetti l-kaz lura lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Guridizzjoni Inferjuri) sabiex isir is-smigh u trattazzjoni tal-kawza fil-mertu u tinghata decizjoni dwar l-istess.**

**Bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-konvenuti appellati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------